# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Novembru 2017**

**Numru 15**

**Rikors numru 1004/12 JZM**

**Primitive African Art Limited, socjeta` estera registrata gewwa l-British Virgin Islands**

**v.**

1. **Henri Baudet;**
2. **Maher Mellouli u b'digriet tat-30 ta' April 2013 gew nominati l-Avukat Dr Noel Bartolo LL.D u l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lil Maher Mellouli;**
3. **Dirk Borgers;**
4. **Gencon Limited (C 47173) li b'digriet tal-4 ta' Lulju 2013 l-isem gie sostitwit ghal Gencon International Limited;**
5. **Best Inter Limited (C 34262);**
6. **Mediterranean Oil Traders Limited (C 49026);**
7. **Aviacom Limited (C 47174);**
8. **Sealandair International Limited (C 47176) li b'digriet tal-4 ta' Lulju 2013 l-isem gie sostitwit ghal Sealandair Energy International Limited;**
9. **Syaufin Southern Europe Limited (C 53059);**
10. **S.C.I Limited (C 46885) li b'digriet tal-4 ta' Lulju 2013 l-isem gie sostitwit ghal S.C.I Consultants Limited.**

## Preliminari

Dan huwa appell minn decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fis-27 ta' Marzu 2014 li qed tigi riprodotta ghall ahjar intendiment.

**"Il-Qorti:**

"Rat ir-rikors li s-socjeta` Bank of Valletta plc ("BOV") pprezentat fit-12 ta` Novembru 2013 fejn, ghar-raguni li fissret fl-istess rikors, talbet lill-Qorti sabiex tawtorizzaha tintervjeni *in statu et terminis* fil-kawza tal-lum.

"Rat id-digriet taghha tal-14 ta` Novembru 2013.

"Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici tal-31 ta` Jannar 2014 fejn, ghar-ragunijiet li ndikat, opponiet it-talba ta` BOV.

"Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta` Frar 2014.

"Rat illi skond digriet li tat fl-istess udjenza, provvediment fil-miftuh dwar it-talba ta` BOV kellu jinghata fl-udjenza tal-lum - kif fil-fatt se jsir.

"Rat l-atti tal-kawza sal-lum.

**"Ikkunsidrat :**

"Il-kompitu tal-Qorti huwa li tistabilixxi jekk ir-raguni li gab BOV hemmx inkella le r-rekwiziti ghall-intervent tal-bank *in statu et terminis* fil-procediment odjern.

"Ir-raguni tal-bank biex isostni t-talba ghal intervent *in statu et terminis* taqra hekk –

> *""Illi s-socjeta` attrici f`din il-kawza* (b`riferenza ghal Primitive African Art Limited) *fethet kawza ohra, Rikors Guramentat numru 968/2013 JPG li kopja tieghu qed tigi hawn esibita bhala Dok RG1, fejn is-socjeta` attrici qed tallega illi ss-socjeta` esponenti b`xi mod ikkontribwiet ghall-irregolaritajiet allegati li saru f`din il-kawza."*

"Fl-udjenza tas-27 ta` Frar 2014, is-socjeta` attrici u BOV ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom.

"Min-naha tieghu, BOV qal hekk –

> *""Dr Azzopardi, in succint jiddikjara illi l-bank qed jitlob li jintervjeni in statu et terminis, peress illi quddiem din il-Qorti diversament presjeduta hemm pendenti rikors guramentat 968/13 JPG, u l-provi li ser isiru fil-*

*kawza odjerna jistghu jintuzaw bi pregudizzju ghall-bank fil-kawza l-ohra, u ghalhekk huwa xieraq illi f'din is-sede, fejn l-attrici nomine diga' ressqet zewg xhieda ufficjali tal-bank, il-bank ikun rapprezentat sabiex ikollu vuci fil-proceduri odjerni u jigi nvitat pregudizzju, li altrimenti jista' jirrizulta."*

"Min-naha taghha, is-socjeta` attrici qalet hekk –

*""In succint, Dr Delia jwiegeb billi jghid illi kwalunkwe pregudizzju illi mqar spekulattiv ir-rikorrent, li qed jitlob l-intervenut, qed jghid li jista' jsofri, se mai diga' sofrih ghax dak kollu li kellu jsir f'din il-kawza llum, diga' sar, tant illi ser jinghalqu l-provi, u bl-ebda mod, la fir-rikors promotur taghhom, u wisq inqas fis-sottomissjonijiet tal-lum, ma ndikaw kif b'dak li gara huma - a) ser isofru xi pregudizzju, u b) ser ikunu kolpiti b'mod illi huwa regolat bl-Art 960 tal-Kap 12."*

**"Ikkunsidrat :**

"L-istitut tal-intervent f`kawza *in statu et terminis* huwa regolat fil-ligi taghna bl-**<u>Art 960 tal-Kap 12</u>** li jiddisponi hekk :-

*""Kull min juri b'sodisfazzjoni tal-Qorti, li huwa ghandu interess f'kawza li tkun miexja bejn partijiet ohra, jista' fuq rikors, jigi mdahhal in statu et terminis, bhala parti fil-kawza, f'kull waqt taghha, sew fil-Qorti ta' l-ewwel grad kemm fil-Qorti fi grad ta' Appell ; izda dan l-intervent fil-kawza ma jwaqqafx il-proceduri taghha."*

"Mill-kontenut ta` din id-disposizzjoni ghandu jirrizulta evidenti li l-ligi taghna riedet taghti fakolta` lil parti jekk turi - ghas-sodisfazzjon tal-Qorti - li ghandha interess tindahal f`kawza li tkun ghaddejja bejn partijiet ohra,  tinghata l-possibilita` li tkun ammessa - sahansitra fl-istadju tal-appell – illi tippartecipa anke attivament fil-procediment bejn il-partijiet l-ohra.

"F'dan l-istadju, mid-disposizzjoni citata, il-Qorti tissenjala zewg elementi partikolari : fl-ewwel lok, l-"interess" ; u fit-tieni lok, is-sodisfazzjon tal-Qorti.

"Dment li l-procediment ikun kawza, il-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn tipi ta` kawzi sabiex issir talba ghal intervent *in statu et terminis.*  Dak li certament il-ligi tesigi huwa li l-parti li taghmel it-talba jkollha **<u>interess</u>** li tintervjeni.

"Il-**<u>Mortara</u>** fil-"*Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile*" – 1923 – Vol III – pag 256) ighid hekk –

*""… puo' trovarsi ad avere interesse nella lite sotto varii aspetti e perfino a poterne temere un gravame di fatto e indiretto, qualora il risultato finale di essa, pur non alternando la di lui situazione giuridica, minacciasse di rendere difficile il godimento delle utilita` che vi sono inerenti, od anche diminuirlo effettivamente, sovente la legge*

> *inesorabile del fatto compiuto e' piu` forte delle teorie astratte le quali proclamano la innocuita` della cosa giudicata inter alios."*

"**<u>Enrico Tullio Liebman</u>** fil-pag 151 tal-"*Manuale di Dir. Proc. Civile*" – 1957 ighid hekk :-

> *""La ragione pratica dell' istituto e' data dalla interdipendenza delle posizioni giuridiche e dei rapporti giuridici, sebbene i terzi non possono essere pregiudicati dalla sentenza pronunciata tra altri (res inter alios acta tertio neque nocent neque prodest) la loro posizione giuridica, o i rapporti giuridici di cui sono titolari, possono in vario modo subire delle conseguenze indirette dalla sentenza altrui, cio` che determina di un processo in cui non sono parti, o all'esito del medesimo."*

"Irid jinghad illi l-Qrati taghna dejjem taw interpretazzjoni miftuha ghall-istitut tal-intervent *in statu et terminis.*

"Fis-sentenza li ta l-Onor Imhallef Luigi Ganado meta kien qieghed jippresjedi din il-Qorti fil-kawza "**<u>Stepton vs Spiteri</u>**" li kienet deciza fit-23 ta` Novembru 1898, qal hekk –

> *""E` stato ritenuto che, nel linguaggio della Procedura, e' terzo una persona materialmente estranea al giudizio fra altri pendente, e se viene chiaramente dimostrato che questo terzo ha un interesse qualunque, purche` sostanziale, sia personale che reale, e non derivativo nell'esito del giudizio che si agita fra altri, egli ha il diritto di intervenirvi, e puo` essere chiamato a prenderne parte …*
>
> *"L` istituto dell'intervento in causa, sia volontario, sia coattivo, e` basato sulla speditezza e semplicita` dei giudizi, essendo giustamente ritenuto molto utile il decidere la questione in presenza di quelli che vi hanno interesse, sviluppandosi meglio, in tal modo, le rispettive ragioni dei contendenti, ed evitando cosi` molteplicita` di giudizi inutili e spese considerevoli ai medesimi."*

**"Fuq l-iskorta tal-premess, din il-Qorti tghid illi <u>l-interess</u> mehtieg sabiex persuna titlob skond l-Art 960 tal-Kap 12 illi tintervjeni f`kawza li tkun ghaddejja bejn haddiehor, irid ikun interess guridiku, u cioe` interess <u>sostanzjali</u> u <u>dirett</u> fil-kawza, mhux semplicement interess fl-ezitu ta` dik il-kawza, bil-hsieb li dak l-ezitu jista' talvolta jkollu implikazzjonijiet, pozittivi jew negattivi, f'kawzi ohra.**

**"Ghalhekk tirnexxi talba minn persuna li tkun trid tintervjeni f`kawza jekk l-iskop wara l-intervent taghha jkun sabiex tipprotegi l-interessi taghha <u>f`dik il-kawza partikolari mhux f`kawza jew f`kawzi ohra li talvolta jistghu jigu ntavolati</u>.**

"Fil-kawza tal-lum, BOV ma jiffirgurax bhala konvenut.

"Fit-talbiet li ressqet kontra l-konvenuti, is-socjeta` attrici ma mputat l-ebda nuqqas fil-konfront ta` BOV.

> "Sal-istadju ta` provi li semghet il-Qorti sal-lum ebda prova li ressqet iss-socjeta` attrici ma allegat xejn negattiv fil-konfront ta` BOV b`mod li kien jixpruna lill-bank illi jitlob l-inbtervent fil-kawza tal-lum.
>
> **"Ghalkemm Simon Azzopardi bhala rapprezentant tal-BOV xehed fil-kawza tal-lum, xejn milli ddepona ma jimplika negattivament lill-istess BOV fil-kuntest tal-istanza attrici. Dan qieghed jinghad fuq l-iskorta tal-memorja tajba li ghandha l-Qorti kif presjeduta - billi meta ddepona x-xhud – kien hemm hsara fit-tape li kien qed jirregistra t-traskrizzjoni u prova traskritta ta` li xehed l-istess Azzopardi mhijiex disponibbli.**
>
> "Il-provi li gabet sal-lum is-socjeta` attrici b`ebda mod ma jgibu fid-dubju jew addirittura jgharrqu **xi interess** li jista` jkollu l-BOV – anke jekk f`xi kawza ohra – mhux din tal-lum.
>
> "Din il-Qorti bl-aktar mod skjett tistqarr illi ma ssibx li fil-kaz tal-BOV huwa sodisfatt ir-rekwizit tal-interess almenu fejn jirrigwarda l-kawza tal-lum.
>
> "Tghid hekk ghaliex l-interess ta` BOV ma jikkwalifikax bhala **sostanzjali u dirett**.
>
> "Dak li se jkun deciz fil-kawza tal-lum mhuwiex kaz fejn se jigi determinat xi punt ta` fatt jew ta` dritt li jista` jkollu applikazzjoni piu` o meno generali.
>
> "Mhuwiex dak tal-lum kaz fejn terz bhall-BOV jista` jigi effettwat jew addirittura pregudikat fil-kaz tieghu bl-esitu tad-decizjoni fil-kawza tal-lum.
>
> **"Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talba tas-socjeta` rikorrenti Bank of Valletta plc kif dedotta fir-rikors taghha tat-12 ta` Novembru 2013."**

Minn dan il-provvediment appellat is-socjeta` Bank of Valletta plc li talbet ir-revoka tieghu u allura l-ammissjoni taghha fil-kawza *in statu et terminis.* Is-socjeta` attrici fil-kawza regghet opponiet ghal dan.

L-aggravju tal-Bank huwa wiehed u cioe` li l-istess Bank ghandu interess fil-kawza inkwistjoni ghaliex qed isiru certi allegazzjonijiet fil-konfront tal-Bank u li l-ezitu favorevoli ghall-attrici jista' eventwalment

jintuza kontra tieghu f'kawza ohra bejn l-attrici f'din il-kawza u l-istess Bank.

Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-partijiet u kkunsidrat illi l-istitut tal-intervent f'kawza *in statu et terminis* huwa regolat fil-ligi taghna bl-Artikolu 960 li jiddisponi hekk:

> *"Kull min juri b'sodisfazzjoni tal-Qorti, li huwa ghandu interess f'kawza li tkun miexja bejn partijiet ohra, jista' fuq rikors, jigi mdahhal in statu et terminis, bhala parti fil-kawza, f'kull waqt taghha, sew fil-Qorti ta' l-ewwel grad kemm fil-Qorti fi grad ta' Appell; izda dan l-intervent fil-kawza ma jwaqqafx il-proceduri taghha";*

Mill-kontenut ta' dan l-artiklu li nsibuh fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ghandu jirrizulta evidenti li l-ligi taghna riedet taghti fakolta` wiesa' biex parti interessata f'kawza partikolari tinghata l-possibilita` li tigi ammessa anke meta l-istess kawza tkun bejn partijiet ohra u meta l-procedura tkun sahansitra tinsab quddiem Qorti ta' Appell. Ta' min ukoll josserva li l-ligi ma toqghodx tiddistingwi bejn tipi ta' kawzi. *"Hekk, per ezempju, hija ma tiddistingwix bejn kawzi possessorji minn ohrajn li huma petitorji. Dak li invece tesigi l-ligi huwa li dik il-parti jkollha interess li tintervjeni."* (**Angelo Abela v. Joseph Zahra, Qorti tal-Appell, 29 ta' Ottubru 2002).**

Kwantu ghal interess li ghandu jezisti biex jigi ammess l-intervent, kif jghallem l-awtorevoli **Mortara (ara Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile", 1923, vol III, p.256)** "... *puo` trovarsi ad*

*avere interesse nella lite sotto varii aspetti e perfino a poterne temere un gravame di fatto e indiretto, qualora il risultato finale di essa, pur non alternando la di lui situazione giuridica, minacciasse di rendere difficile il godimento delle utilita` che vi sono inerenti, od anche diminuirlo effettivamente, sovente la legge inesorabile del fatto compiuto e' piu` forte delle teorie astratte le quali proclamano la innocuita` della cosa giudicata inter alios."*

L-awtur **Enrico Tullio Liebman (ara Manuale di Dir. Proc. Civile, 1957, p. 151)** da parti tieghu jghid illi:

> *"La ragione pratica dell' istituto e' data dalla interdipendenza delle posizioni giuridiche e dei rapporti giuridici, sebbene i terzi non possono essere pregiudicati dalla sentenza pronunciata tra altri (res inter alios acta tertio neque nocent neque prodest) la loro posizione giuridica, o i rapporti giuridici di cui sono titolari, possono in vario modo subire delle conseguenze indirette dalla sentenza altrui, cio` che determina di un processo in cui non sono parti, o all'esito del medesimo".*

Madankollu fil-kawza fl-ismijiet **Fogg Insurance Agency Limited et v. Simon Tabone (28 ta' Frar 2004) -** li kienet tittratta appell minn terz - intqal li:

> *"Din il-kelma "interess" giet interpretata mill-Qorti tal-Kummerc fit-8 ta' April 1899 in re* ***Brockdorff –vs- Pace Balzan (Kollez Vol XVII pIII p15)*** *fis-sens illi "appena e` necessario di aggiungere che l'interesse, ossia il motivo della domanda giudiziale deve essere concreto, e sussistere di fronte a colui contro il quale la domanda viene proposta". (****Kollez. Vol XXXIII pI p 662****)… …*
>
> *"Tajjeb li nigi notat f'dan il-kuntest illi l-interess merament ipotetiku ma huwiex accettabbli in kwantu ma humiex ammissibbli rikonjizzjoni ta' drittijiet jew kundanni preventivi 'ad futurum'. Tghodd fir-rigward l-osservazzjoni denotata fis-sentenza fl-ismijiet* ***Conte. Paolo Camilleri***

> ***– vs- Negte. Rosario Denaro et", Qorti Kummerc, 8 ta' April 1884 a Vol X pagna 446."***

Finalment fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Mario Galea Testaferrata v. Prim Ministru, fl-10 ta' Jannar 2005,** intqal li:

> *"Issa, fil-ligi taghna l-istitut ta' l-intervent fil-kawza hu regolat bl-Artikolu 960 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. L-interess mehtieg sabiex wiehed jintervjeni skond l-imsemmija disposizzjoni irid ikun interess guridiku, u cioe` interess sostanzjali u dirett fil-kawza u mhux semplicement interess fl-ezitu ta' dik il-kawza bil-hsieb li dak l-ezitu jista' talvolta jkollu implikazzjonijiet, pozittivi jew negattivi, f'kawza jew kawzi ohra futuri (**ara, passim, Fogg Insurance Agencies Limited noe v. Simon Tabone u Angelo Abela v. Joseph Zahra u Napuljun Carabott Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) supra** ). Fi kliem iehor, l-intervenut fil-kawza jitlob li jintervjeni, u ghandu jigi ammess li hekk jintervjeni, biex jipprotegi l-interessi tieghu f'dik il-kawza partikolari u mhux f'kawza jew kawzi ohra li talvolta jistghu jigu intavolati."*

Din il-Qorti taqbel ma' u tabbraccja dan l-insenjament. Fil-kawza odjerna, il-Bank qed jitlob li jintervjeni mhux ghaliex ghandu interess dirett fil-kawza nnifisha izda ghaliex qed jipprospetta li jkun attakkat f kawza ohra bis-sentenza eventwali f'din il-kawza. Kif huwa ben maghruf, is-sentenzi jifformaw biss stat fir-rigward tal-partijiet fil-kawza u l-ezitu ta' sentenza huwa *res inter alios acta* ghal haddiehor. Kif qalet l-istess Qorti fis-sentenza appena citata, il-partijiet li talbu l-intervent ghamlu t-talba ghal dan, inkwantu huma jibzghu li, galadarba jkun hemm ezitu ta' certu tip, dan l-ezitu jista' jkollu riperkussjonijiet fuq drittijiet li huma jivvantaw in konnessjoni ma' proprjeta` li ma ghandha x'taqsam xejn ma' dik li hija l-bazi tal-kawza de quo. Tali interess evidentement ma jistax jiggustifika intervent fis-sens tal-Artikolu 960 tal-

Kap. 12, ghax altrimenti f'kull kawza li fiha jkollu jigi determinat xi punt legali ta' applikazzjoni piu` o meno generali jkun ifisser li kull min ghandu jew jista' talvolta jkollu kawza li tinvolvi b'xi mod dak il-punt ikun jista' jintervjeni *in statu et termini* – din il-Qorti ma tahsibx li ghandha ghalfejn telabora fuq il-konfuzjoni li tinholoq fil-kawza li kieku dan kellu jkun hekk.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichdu u tikkonferma l-provvediment appellat.  L-ispejjez ta' dan l-incident a karigu tal-appellant Bank of Valletta p.l.c.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
ld